# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI PRELIMINARJA NRU. 2740

Każ Nru 3934/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Avv. Dr. Andrew Borg Cardona bħala mandatarju ta' Thilo Kuhlmann

(ID 149087(M)

u

Leo Vegas Gaming plc (C-59314)

Illum : 9 ta' Ġunju 2021

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi mġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat fil-11 ta' Jannar 2021 mill-Avv Andrew Borg Cardona f'isem il-mandant Thilo Kuhlmann li ġie sommarjament illiċenzjat allegatament mingħajr raġuni valida minn mas-Soċjetà Leo Vegas Gaming plc fid-9 ta' Settembru 2020. Is-Soċjetà Intimata li kienet rapprezentata mill-Avv Paul Gonzi u l-Avv Mattea Pullicino waqt li ċaħdet dan issollevat eċċezzjoni ta' dekadenza tal-każ peress li kien għadda il-perijodu ta' erba' xhur mid-data effettiva tat-temm tal-impjieg skont kif jitlob l-Artikolu 75(3) tal-Kap 452.

**2. Konsiderazzjoni**

Kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar id-dati rilevanti voldieri id-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, id-9 ta' Settembru 2020 u d-data tar-Rikors promotorju, 11 ta' Jannar 2021. Ir-Rikorrent irritjena li d-data fatali tal-għeluq l-erba' xhur mil-liċenzjament kienet id-9 ta' Jannar 2021 iżda din id-data ħabtet fil-jum tas-Sibt meta r-Reġistru tal-Qorti Superjuri jkun magħluq u għaldaqstant japplika l-Artikolu 108 tal-Kap 12 li jgħid li jekk xi terminu jew ġudizzjarju jkun xi jum meta r-Reġistru jkun magħluq minħabba li ma tkunx ġurnata tax-xogħol it-terminu għandu jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara. Is-Soċjetà Intimata tgħid li

f'dan il-każ japplika l-Kap 452 li fih hemm speċifikament imsemmi il-perijodu ta' erba' xhur. Dan il-perijodu skond hu ma jistax jiġi mtawwal.

L-abbli avukat tar-Rikorrent għamel  riferenza għall-Artikolu 77 subinċiż (1) tal-Kap 452 li jagħtih is-setgħat li skond is-COCP huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Għaldaqstant meta ġie ntavolat ir-Rikors promotorju il-każ kien għadu *entro termine*. It-Tribunal iqis illi l-każi quddiemu jaqgħu taħt il-Kap 452. Din hija *lex specialis* u għaldaqstant hija din li-liġi li tapplika. Il-liġi tistipula perijodu ta' erbgħa xhur Dan huwa terminu perentorju u ma jista bl-ebda mod jiġi mibdul jew imtawwal.

**3. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li kien skada l-perijodu ta' erba' xhur mil-liċenzjar tar-Rikorrent meta kien intavolat ir-Rikors promotur b'hekk dan sar *fuori termine*. It-Tribunal jilqa' l-eċċezzjoni sollevata mis-Soċjetà Intimata u għaldaqstant il-Każ jiddekorri u dawn il-proċeduri ma jistgħux jitkomplew.

B'hekk jintemm dan il-każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja